MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 45

Il-Ħamis 17 ta' Marzu 2022

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġuże' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex' nhar il-Ħamis 17 ta' Marzu 2022 fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sur Joseph Cauchi – Kunsillier
Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 45.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

45.1.1 Il-membri kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa, għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

### 45.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

45.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 43 u l-minuti tal-laqgħa b'urġenza bin-numru 44 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

45.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

45.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 45.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

45.3.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri għarraf lill-membri li saret laqgħa mal-uffiċċjali tal-Pulizija tal-Community Police dwar l-operat ta' dan is-servizz, liema servizz kien wieqaf fl-aħħar ħmistax il-jum minħabba li l-Pulizija assenjat fil-lokalita' kien qed iqassam id-dokument tal-votazzjoni f'lokalita' oħra. Is-Sindku informa lill-membri li b'kollaborazzjoni bejn il-Kunsill u l-Community Police ser ikun qed jitqassam fuljett b'lingwi differenti dwar l-iskeda tal-ġbir tal-iskart fost informazzjoni oħra.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

## 45.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

45.4.1 Il-Kunsillier Mark Busuttil staqsa dwar l-aċċess permezz ta' taraġ bejn Triq San Xmun u Triq il-Puniċi fix-Xlendi. Is-Sindku wieġeb li qed u ser tkompli ssir pressjoni biex dan jerġa' jinfetaħ għall-pubbliku.

45.4.2 Il-Kunsillier Mark Busuttil ġibed l-attenzjoni wkoll, wara li tressaq ilment miegħu, dwar il-problema ta' ġrieden fi Triq iż-Żirżieb fix-Xlendi. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill se jerġa' jressaq dan l-ilment għall-attenzjoni tas-Sezzjoni tas-Sanita' fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex.

45.4.3 Il-Kunsilliera Juliet Attard infurmat lill-membri li qed jaslulha diversi lmenti dwar il-ġbir tal-iskart li qed jinġabar qabel il-ħin stipulat. Is-Sindku wieġeb li ser tinġibed l-attenzjoni formalment lill-kuntrattur.

45.4.4 Il-Kunsilliera Juliet Attard ressqet suġġeriment ta' residenta li qed tiżviluppa art fi Triq Damasku k/m Pjazza tal-Knisja sabiex is-siġra li hija ppjanata li ssir f'dik il-kantuniera, ma ssirx. Wara diskussjoni bejn il-membri dwar dan ġie deċiż sabiex dan is-suġġeriment ma jintlaqax minħabba r-raġuni li hemm permess u kundizzjonijiet mill-awtoritajiet dwar it-tħawwil ta' siġar ġodda, liema kundizzjonijiet huma marbuta b'garanzija bankarja. Il-membri saħqu li r-residenti tal-inħawi ser ikollhom ambjent ferm aħjar minn kif kienu qabel meta kien hemm is-siġar tal-ficus. Barra minn hekk il-Kunsill se jkun kommess li jżomm is-siġar fi stat tajjeb permezz ta' żbir u tindif frekwenti.

45.4.5 Il-Kunsillier Joseph Cauchi staqsa dwar il-wisa' tal-bankina l-ġdida fil-proġett ta' Triq L-Isqawi minħabba lment li tressaq minn xi residenti tal-inħawi. Is-Sindku wieġeb li kien hemm nuqqas fil-komunikazzjoni mal-kuntrattur li ġiet indirizzata mal-ewwel flimkien mar-residenti.

## 45.5 Proġetti fil-Lokalita';

45.5.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li x-xogħol fuq il-proġett ta' restawr tat-Torri tax-Xlendi miexi ġmielu filwaqt li qed isiru laqgħat ma'

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

dawk involuti frekwentament. Ir-restawr tal-affreski li nstabu fis-sular ta’ fuq ġie konkluż u l-proġett mistenni li jiġi ffinalizzat sal-aħħar ta’ Ġunju 2022. Is-Sindku ssuġġerixxa sabiex il-kuntratt mal-kuntrattur tax-xogħlijiet fuq ġewwa jiġi estiż sal-aħħar ta’ Mejju 2022 minħabba l-waqfien wara li nstabu l-affreski. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

45.5.2 Is-Sindku informa lill-membri li x-xogħol fuq il-proġett tal-Pjazza tal-Knisja reġa’ qabad rittmu tajjeb ukoll. Huwa għarraf lill-membri li l-Perit tal-proġett hejja rapport dwar il-varjazzjonijiet li nqalgħu matul il-proċess u dan intbagħat lil EcoGozo fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex għall-approvazzjoni tagħhom. Minħabba f’hekk is-Sindku ssuġġerixxa sabiex il-kuntratt mal-kuntrattur jiġi estiż sal-aħħar t’April 2022. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan. Huwa informa lill-membri li qed jiġi ffinalizzat kont interim sabiex jiġi ppreżentat lill-Ministeru Għal Għawdex biex eventwalment jgħaddulna l-fondi għalih. Huwa fakkar li l-Kunsill se jkun qed jiffinanzja s-servizzi tat-tekniċi kollha nkluż tal-Perit u l-Inġinier.

45.5.3 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-Kunsill issottometta talba mad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali għall-estensjoni tal-kuntratt ta’ finanzjament biex issir il-proġett ta’ pavimentar fi Triq Dun Spir Gauci fil-Munxar. Dan minħabba li l-Kunsill għadu qed jistenna l-permessi neċessarji minn Transport Malta.

45.5.4 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-Kunsill issottometta talba ma’ Ambejnt Malta għall-estensjoni tal-kuntratt ta’ finanzjament biex issir l-akkwist ta’ planters ġodda għall-Pjazza tal-Knisja. Dan minħabba li l-Kunsill kien qed jistenna direzzjoni mid-Dipartiment tal-Kuntratti dwar problema li nqalgħet waqt il-proċess tas-sejħa għall-offerti.

45.5.5 Is-Sindku informa lill-membri li ġiet sottomessa t-tieni applikazzjoni maħruġa minn Ambjent Malta għas-sena 2022. Huwa għarraf lill-membri li fuq proposti mressqa fil-Kunsill f’laqgħat preċedenti, l-applikazzjoni sottomessa titratta t-tranġar tal-passaġġ li jagħti għal Għar ta’ Karolina kif ukoll *picnic benches* ġodda fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

45.5.6 Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill ser ikun qed jissottometti t-tieni applikazzjoni maħruġa mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali għall-manutenzjoni ta' ġonna jew *playingfields* fil-lokalita' għas-sena 2022. Huwa ssuġġerixxa sabiex din tkun tinkludi l-akkwist ta' bust tal-Professur Ġuże' Aquilina li tiġi nstallata fil-ġnien iddedikat lilu. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

45.5.7 Is-Sindku għarraf lill-membri li x-xogħol fuq il-proġett ta' Triq L-Isqawi għaddej ukoll u wara li sar l-iskavar meħtieġ ser jibda x-xogħol ta' bini ta' ħitan tas-sejjieħ biex imbagħad eventwalment issir l-bankina l-ġdida flimkien mal-*istreet furniture*. Huwa informa lill-membri li saru laqgħat mal-imsieħba f'dan il-proġett fosthom mal-Gozo Tourism Association dwar ir-reklamar u l-organizzazzjoni tal-attivitajiet li ser isiru f'dan il-post, bl-ewwel attivita' li ser tittella' nhar it-30 t'April 2022.

**45.6 Aġġudikazzjoni sejħiet għall-offerti:**
***MXR/02/2022 – Tender for the supply and delivery of planters***

45.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-membri li l-bord tal-evalwazzjoni rċieva direzzjoni mid-Dipartiment tal-Kuntratti fi ħdan il-Ministeru tal-Finanzi sabiex ikompli bil-proċess tal-evalwazzjoni minħabba li l-problemi tekniċi ma kinux min-naħa tas-sistema tal-Gvern Ċentrali.

45.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-offerti miftuħa nhar it-8 ta' Frar 2022. Kien hemm seba' offerti:
Anton Zarb - €9,975.00
Derek Garden Centre - €23,750.00
Gokker Ltd - €14,875.00
Xerri's Landscaping Co. Ltd - €25,423.75
GM Developments Ltd - €25,993.75
John B Attard - €27,250.00
Mica Med Ltd - €20,000.00

45.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport tal-bord tal-evalwazzjoni. Il-bord irrakkomanda li din l-offerta tingħata lit-tieni l-orħos offerent minħabba li l-orħos offerent naqas milli jirrispondi fil-ħin kjarifika mitluba mill-bord. It-tieni l-orħos offerent Gokker Ltd kien konformi mar-rekwiżiti. Il-membri tal-

KUNSILL LOKALI L-MUNXAR

Kunsill laqgħu r-rakkommandazzjoni tal-bord u r-rapport ġie approvat.

## 45.7 Ir-Rapport Annwali Amministrattiv 2021;

45.7.1 Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-rapport annwali amministrattiv għas-sena 2021 flimkien mar-rapport tal-ħidma ta' kull membru tal-Kunsill skont ir-responsabiltajiet assenjati lilhom, liema rapport ġie ċċirkulat minn qabel.

45.7.2 Ir-rapport annwali amministrattiv għas-sena 2021 ġie approvat mill-membri u ffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 45.8 Laqgħa Annwali tal-Lokalita';

45.8.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li skont l-artiklu 70 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali, trid tissejjaħ laqgħa pubblika li fiha jiġu ppreżentati r-rapport amministrattiv, ir-rapporti finanzjarji u l-Pjan ta' Ħidma. Is-Sindku ssuġġerixxa sabiex din il-laqgħa ssir nhar il-Ħamis 7 t'April 2021 fil-5.30 ta' filgħaxija. Kien hemm qbil mill-membri tal-Kunsill dwar dan u ġie deċiż li jinħareġ avviż li jitqassam f'kull residenza fil-lokalita'.

## 45.9 Il-Festa ta' San Pawl Nawfragu 2022;

45.9.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li ġie mistieden għal-laqgħa mal-Kappillan il-Kanonku Anton Refalo Rapa biex jiġi diskuss il-programm tal-Festa ta' San Pawl Nawfragu għal din is-sena.

45.9.2 Is-Sindku ssuġġerixxa sabiex il-Kunsill jorganizza dawn l-attivitajiet soċjo-kulturali fiż-żmien ta' qabel il-festa:
Il-Ġimgħa 20 ta' Mejju 2022 - l-inawgurazzjoni tat-turf sintetiku ġdid fil-grawnd tal-Munxar u wara ssegwi l-attivita' sportiva li ssir kull sena b'kollaborazzjoni ma' Munxar Falcons FC;
Is-Sibt 21 ta' Mejju 2022 - 'Festa Tfal' bis-sehem ta' banda lokali u divertiment għat-tfal;

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

L-Erbgħa 25 ta' Mejju 2022 - serata ta' talent lokali fil-Pjazza tal-Knisja;
Il-Ħamis 26 ta' Mejju 2022 attivita' mużikali bis-sehem ta' 'Cash and Band';
Il-Ġimgħa 27 ta' Mejju 2022 u s-Sibt 28 ta' Mejju 2022 - *feature* awdjo viżiv ħdejn iċ-Ċentru Parrokjali.
Kien hemm qbil unanimu mill-membri tal-Kunsill fuq dawn is-suġġerimenti mressqa mis-Sindku.

45.9.3 Is-Sindku għarraf lill-membri li waqt il-laqgħa li kellu mal-Kappillan huwa talab lill-Kunsill jekk isibx oġġezzjoni sabiex isiru l-attivitajiet marbuta mal-festa kif ukoll sabiex jinħaraq logħob tan-nar nhar l-14, il-15, is-27, it-28 u d-29 ta' Mejju 2022. Il-membri tal-Kunsill ma sabu l-ebda oġġezzjoni sakemm ikun hemm il-permessi kollha meħtieġa mill-awtoritajiet kompetenti.

**45.10 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;**

45.10.1 Il-Kunsill Lokali irċieva protest ġudizzjarju ta' Felix u Micheline konjuġi Cutajar dwar allegat żvilupp ulterjuri fit-triq tal-fond li huma sidien tiegħu fi Triq Damasku fil-Munxar, li ma sarx skont il-*policies* u *road schemes* applikabbli. Wara diskussjoni bejn il-membri dwar dan, kien hemm qbil sabiex jittieħed parir minn Avukat u eventwalment jirreġistra risposta l-qorti għal dan il-protest.

45.10.2 Il-Kunsill irċieva r-riżultat tal-applikazzjoni tal-iskema maħruġa mill-Kunsill Reġjonali Għawdex 'Parks, Ġonna u Spazzji Pubbliċi – 2021'. Il-Kunsill ikkwalifika għall-ammont ta' €25,000 sabiex jiffinalizza l-proġett ko-finanzjat minn fondi ewropej li qed isir fi Triq L-Isqawi fil-Munxar.

45.10.3 Il-Kunsill irċieva r-riżultat tal-applikazzjoni tal-iskema maħruġa mill-Kunsill Reġjonali Għawdex 'Kultura Għawdex 2021'. Il-Kunsill ikkwalifika għall-ammont ta' €10,000 sabiex issir promozzjoni tal-kultura lokali mehmuża mal-esperjenza tal-kultura barranija ġewwa l-Italja.

45.10.4 Il-Kunsill irċieva r-riżultat tal-applikazzjoni tal-iskema maħruġa mill-Kunsill Reġjonali Għawdex 'Ambjent 2021'. Il-Kunsill

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

ikkwalifika għall-ammont ta' €15,500 sabiex jiffinanzja parti mill-ispiża teknika tal-Perit li qed jimplimenta l-proġett ta' riġenerazzjoni tal-Pjazza tal-Knijsja fil-Munxar.

45.10.5 Il-Kunsill irċieva r-riżultat tal-applikazzjoni tal-iskema maħruġa mill-Kunsill Reġjonali Għawdex 'Libreriji fil-Lokalita' 2021'. Il-Kunsill ikkwalifika għall-ammont ta' €3,500 sabiex jiġi ppubblikat ktieb dwar il-lokalita' tal-Munxar.

45.10.6 Il-Kunsill irċieva komunikat mingħand ELC li tieħu ħsieb iż-żamma u l-manutenzjoni ta' diversi spazzji ħodor fil-lokalita', li ser tkun qed twaqqaf is-servizzi tagħha mill-1 ta' Mejju 2022. Wara diskussjoni bejn il-membri kien hemm qbil sabiex il-Kunsill jara kif se jiżvolġu l-affarijiet sakemm jidħol l-operatur il-ġdid li se jkun qed joffri servizzi simili lill-Gvern Ċentrali.

45.10.7 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand is-Segretarju tal-Akkademja tal-Malti sabiex iħeġġeġ lill-Kunsill Lokali Il-Munxar iwettaq monument lill-Professur Ġuże' Aquilina, li ħadem ħafna b'risq il-Malti. Hekk kif diskuss aktar kmien f'din il-laqgħa, is-Sindku għarraf lill-membri li dan is-suġġeriment ser ikun qed jintlaqa' billi se ssir l-applikazzjoni għall-fondi taħt l-iskema maħruġa mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali għall-manutenzjoni ta' ġonna jew *playingfields* fil-lokalita' għas-sena 2022.

45.10.8 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-membri li ser tiġi sottomessa t-talba għall-Fond ta' Aġġustament għas-sena 2022 hekk kif imsemmija fiċ-ċirkulari 01/2022 maħruġa mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali. Il-Kunsill qed jitlob sabiex jingħata s-somma ta' €3,000 allokati għaż-żona turistika tax-Xlendi għas-sena 2022, kif ukoll €3,000 oħra minħabba li l-Kunsill ġie allokat anqas minn €11,000 differenza għas-sena 2022 mis-somma allokata għas-sena 2021. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

45.10.9 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Transport Malta li l-applikazzjoni għal 'Reserved Parking Bay' fi Triq il-Kantra ġiet milqugħa għall-perijodu ta' sena oħra. Il-Kunsill innota l-kontenut.

45.10.10 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li l-kuntratt tal-ġbir tal-iskart goff ser jiskadi iżda skont il-kundizzjonijiet tas-sejħa

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

għall-offerti jista' jiġi mġedded għal sena oħra. Kien hemm qbil mill-membri sabiex dan il-kuntratt jiġi mġedded għal sena oħra.

45.10.11 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li l-kuntratt tal-ġbir tal-iskart ser jiskadi iżda skont il-kundizzjonijiet tas-sejħa għall-offerti u skont id-direzzjoni mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali, dan il-kuntratt jista' jerġa' jiġi mġedded. Kien hemm qbil mill-membri sabiex dan il-kuntratt jiġi mġedded għal tlett xhur oħra.

45.10.12 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li minħabba bdil fil-proċeduri biex isiru depożiti fil-kontijiet bankarji, u skont id-direttiva 05/2020 maħruġa mid-Direttur tal-Gvern Lokali, il-Kunsill għandu jiftaħ kont bankarju ġdid biex ikun jista' jiddepożita' il-flus kollha li jkunu daħlu u li finalment iridu jiġu trasferiti lill-entitajiet. Kien hemm qbil mill-membri biex jinfetaħ dan il-kont bankarju.

45.10.13 Ċirkulari SPI/SCI/2/2022 – Tnedija mill-ġdid tal-Community Inclusive Employment Scheme (CIES). Il-Kunsill innota l-kontenut.

45.10.14 Ċirkulari SPI/SCI/3/2022 – Skema dwar Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi f'Malta 2022/2023. Il-Kunsill innota l-kontenut.

45.10.15 Ċirkulari DLG 3/2022 – Elezzjoni Ġenerali 26 ta' Marzu 2022. Il-Kunsill innota l-kontenut.

45.10.16 Ċirkulari Nru AKL 2022/019 – Il-Laqgħa Plenarja fl-4 u 5 ta' Marzu 2022 - POSPOSTA. Il-Kunsill innota l-kontenut.

45.10.17 Ċirkulari Nru AKL 2022/022 – Info Session Elderly Community Care – Post Covid 19 24/02/2022. Il-Kunsill innota l-kontenut.

45.10.18 Ċirkulari Nru AKL 2022/023 – Learning Works MQF Level 6 Award in Women in Leadership. Il-Kunsill innota l-kontenut.

45.10.19 Ċirkulari Nru AKL 2022/024 – Jobsplus – Ġbir ta' informazzjoni dwar Kompjuters aċċessibli għall-pubbliku. Il-Kunsill innota l-kontenut u wieġeb li m'għandux dan is-servizz.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

45.10.20 Ċirkulari Nru AKL 2022/025 – Link to the ĠEMMA Strategy 2022-2025. Il-Kunsill innota l-kontenut.

45.10.21 Ċirkulari Nru AKL 2022/026 – Invitation for Conference on Sustainable Mobility. Il-Kunsill innota l-kontenut.

45.10.22 Ċirkulari Nru AKL 2022/027 – Diversity, Cultural Awareness Training Session 08/03/2022. Il-Kunsill innota l-kontenut.

45.10.23 Ċirkulari Nru AKL 2022/028 – Infurzar mill-ERA relatat mal-iBins. Il-Kunsill innota l-kontenut.

45.10.24 Ilment 10/2022

Resident jitlob sabiex issir *disabled parking bay* fi Triq il-Kantra quddiem ir-residenza tiegħu minħabba problemi serji ta' mobilita'. Kien hemm qbil mill-membri sabiex jiġi mressaq il-każ quddiem Transport Malta minħabba li fl-istess triq diġa' hemm tlett parkeġġi simili u jirrakkomanda li jiġi rilokat wieħed minnhom.

45.10.25 Ilment 11/2022

Jitlob sabiex jingħata l-materjal biex jagħmel bankina ġdida għar-residenza l-ġdida tiegħu f'Xatt ix-Xlendi. Kien hemm qbil sabiex issir it-talba fis-sistema tal-Ministeru Għal Għawdex.

45.10.26 Ilment 12/2022

Jitlob sabiex tiġi nstallata bozza LED ġdida f'tarf Triq iż-Żirżieb fix-Xlendi kif ukoll fi Triq il-Qroll fix-Xlendi minħabba nuqqas ta' dawl matul il-lejl. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

45.10.27 Ilment 13/2022

Jitlob sabiex jiġu nstallati żewġ bozoz LED ġodda f'passaġġ fi Triq il-Bardan, kif ukoll ikompli jinbena ċint protettiv matul dan il-passaġġ kollu. Kien hemm qbil mill-membri biex jiġu nstallati l-bozoz kif ukoll biex issir talba fis-sistema tal-Ministeru Għal Għawdex ħalli jkompli jinbena ċ-ċint.

45.10.28 Ilment 14/2022

Jitlob sabiex jinżebgħu *double yellow lines* ta' metru ma' kull naħa tal-garaxx u *single yellow line* quddiem il-bieb tal-istess garaxx

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

biex jindikaw li ma jistax isir parkeġġ quddiem il-garaxx tiegħu fi Pjazza tal-Knisja fil-Munxar. Kien hemm qbil dwar dan.

**45.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;**

45.11.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 45/2022-8 għall-perjodu bejn id-9 ta' Frar 2022 u s-17 ta' Marzu 2022 li tammonta għal €69,273.80 ġiet approvata u ffirmata. Il-Kunsilliera Juliet Attard kienet il-proponent filwaqt li l-Kunsillier Joseph Cauchi is-sekondant.

**45.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

45.12.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.00 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ħamis 7 t'April 2022 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, il-Ħamis 7 t'April 2022.

IFFIRMATA

Damien Spiteri
Sindku

IFFIRMATA

Ryan Debrincat
Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR